KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tmienja u Tletin (38)***

***It-Tnejn, 27 ta' Settembru, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
IL-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**38.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

38.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

38.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 37 li nżammet nhar it-Tlieta, 31 ta' Awwissu, 2021.

38.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 37 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

38.2.3 **Mozzjoni 38-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 37.

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Sekondant: Il-Viċi Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 37 ġew approvati unanimament.

**38.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 38 (08) – Settembru 2021***

38.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 38(08) permezz cheque numru 7175 (ref. 10088) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10080 sa 10109 li jammontaw €31,866.98

38.3.2 **Mozzjoni 38-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 38(08) bl-ammont ta' €31,866.98

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 38(08) ġiet approvata unanimament.

**38.4 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tat-tieni kwart tas-sena April-Ġunju 2021</u>**

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Accountant tal-Kunsill*

38.4.1 L-accountant tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri imniżżla fir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena sa Ġunju 2021.

38.4.2 Wara l-ispjegazzjoni, is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena.
**Mozzjoni 38-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena sa Ġunju 2021

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-Sena ġie approvat unanimament.

**38.5 <u>Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements 2020*</u>**

38.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fadal isiru xi aġġustamenti u għaldaqstant ma leħqux intbagħtu. Se ssir laqgħa straordinarja meta dawn jitlestew.

**38.6 <u>Korrispondenza</u>**

38.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li nhar is-Sibt, 9 ta' Ottubru, 2021 se ssir l-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill Lokali se jkun magħluq u għal dakinhar se jkun meqjus bħala Post tal-Votazzjoni għall-Kunsilliera sabiex jivvutaw.

38.6.2 Tressqet korrispondenza dwar Pink October fejn kull Kunsill huwa mħeġġeġ li jipparteċipa. Il-Kunsill qabel li jerġa' jagħmel *zebra crossing* roża fejn l-iskola u jixgħel il-faċċata tal-Kunsill.

38.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li se jinħareġ it-Tender tal-Perit kif ukoll tal-Bulky Refuse. Se jinħarġu bl-istess dettalji bħal ma kien inħareġ qabel. Min jixtieq jara d-draft dan jista' jintbagħat permezz ta' email. Bħala membri fil-Bord se jkunu il-Kunsilliera. Dwar dan il-Kunsill qabel. Se jkun qed jinħareġ ukoll it-tender tal-bejgħ tal-garaxx fejn il-Kunsill se jkun qed jitlob li mal-offerta jingħata kirja ta' garaxx għal massimu ta' sentejn.

38.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħarġet it-tieni sejħa għall-iskema maħruġa mill-Agenzija LESA għall-proġetti li se jsiru fl-2022. Il-Kunsill qabel li jerġa' japplika l-istess bħal ma applika fl-ewwel sejħa għall-pavimentar tal-isqaqin.

38.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħarġet espressjoni ta' interess dwar finanzjament għall-attivitajiet tal-Milied 2021. Is-Sindku Darren Abela flimkien mal-

Kunsillier Keith Fenech se jkunu qegħdin jiddiskutu xi ideat dwar attivitajiet li jistgħu isiru.

38.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar żewġ emails li ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha sabiex issir laqgħa Dr Andy Ellul u s-Sur Ray Abela, kandidati għat-tielet distrett. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' maż-żewġ kandidati nhar l-Erbgħa, 6 ta' Ottubru 2021 fis-7pm u fit-7.45pm

38.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill għadda r-rotta tal-President Solidarity Fun Run lir-Regjun. Infurmat ukoll li l-amministrazzjoni tal-Kunsill se tkun qed tieħu ħsieb li jinġabru d-donazzjonijiet u jitqassmu l-flokkijiet għall-attivita' iżda talbet li jkun hemm Kunsillier responsabbli mill-loġistika matul dik il-ġurnata. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed iġib stima mingħand Agones sabiex jorganizzaw l-attivita' u flimkien mal-Kunsillier Andreas Gatt, Kunsillier responsabbli mill-isports, se jkunu qegħdin jikkordinaw l-attivita'.

38.6.8 Tressqet korrispondenza dwar bżonn ta' tindif fil-fetħa ta' Triq il-Qattus. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li ż-żona ma taqax taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li din iż-żona għandha titnaddaf minħabba l-inkonvenjenza li qed toħloq lir-residenti tal-madwar. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jibgħat l-ERA għal *enforcement* u tinġieb kwotazzjoni għat-tindif.

38.6.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet diversi ilmenti dwar it-tindif u l-knis fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li d-Dipartiment tal-Kunsill ma tax il-permess sabiex il-kenniesa jiġu impjegati imma ssuġerixxa li jsiru mill-Community Workers assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jirrispondi li diġa' prova jaħdem bihom iżda ma kellnix biżżejjed ħaddiema minħabba li rridu 4 ħaddiema biex nagħtu servizz effiċjenti lir-residenti. Rigward il-kennies preżenti, il-Kunsill qabel li jagħmel default notice għan-nuqqasijiet kollha li ġew nnutati fit-tbattil tal-bins u fit-toroq mhux imnaddfa li tammonta għal €1000 mix-xahar ta' Lulju 2021.

38.6.10 Tressqet korrispondenza dwar ħlas ta' pulizija fil-Festa ta' Santa Marija. Il-Kunsill qabel li għandhom jitħallsu, iżda jinforma liż-żewġ għaqdiet li għas-snin li ġejjin għandhom jinfurmawna minn qabel sabiex il-ħlas isir dirett mal-pulizija.

38.6.11 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex jinħarqu xi siġar mejtin f'Palazzo Giannini. Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir dan. Għaldaqtant il-Kunsill qabel li jinfurmahom li ma nsibu l-ebda oġġezzjoni sakemm jinġiebu l-permessi kollha neċċessarji mill-entitajiet kollha konċernati.

**38.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

38.7.1 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar il-problema tal-ħamiem li hemm fil-Pjazza. Huwa propona li bħala Kunsill inġibu kwotazzjoni sabiex isir trattament għal dawn il-ħamiem. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li biex isir dan, hemm bżonn li l-Kunsill ikollu bye law li tippermetti li jsir dan. Għaldaqstant f'dan l-istadju, is-Sindku ressaq vot sabiex isir trattament fuq il-ħamiem, bir-riżultat:

Favur: 4 (DA, CD, RA, AG)
Kontra: 1 (KF)

38.7.2 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir talba l-Gvern sabiex jinxtara Palazzo Giannini biex ikun jista' jingħata lill-Kunsill biex jużah għas-servizzi tiegħu. Dwar dan il-Kunsill qabel.

38.7.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-uffiċċju tal-Kunsill, kull nhar ta' Sibt jiftaħ mis-7.30am sal-10.30am minħabba li n-nies iktar qed jiġu kmieni filgħodu biex jinqdew. Dwar dan il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

38.7.4 Is-Sindku Darren Abela qal li kellu laqgħa mal-Housing Authority sabiex jiġu rranġati l-entraturi tal-binjiet. Huma qegħdin jipproponu li jsiru mill-kuntratturi tagħhom u l-Kunsill jħallas il-materjal. Għal dan ix-xogħol il-Kunsill għandu bżonn stima mingħand il-Perit dwar kemm hemm bżonn materjal. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li jistenna li jinħareġ it-Tender tal-Perit il-ġdid biex jiddiskuti miegħu dan il-proġett.

38.7.5 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bzonn 4 bins ġodda biex jitpoġġew Ġnien 2000, 2 bins f'Valletta Road fejn in-niċċa u fejn Sqaq il-Ġebel, kif ukoll *doggy bin* fi Trejqet ir-Rummien.

38.7.6 Is-Sindku Darren Abela staqsa dwar l-istage ta' fejn l-iskola, jekk għandux isir bħal oħrajn jew iktar modern. Il-Kunsill qabel li jsir bħal oħrajn u jintuża' dak li ġa mħallas tal-*Bypass*.

**38.8 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

38.8.1 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet dwar l-injam tal-ground. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se jinbidlu fil-ġranet li ġejjin.

38.8.2 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet ukoll jekk kienx hemm risposta dwar l-ikel tal-qtates. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għad m'hemmx risposta.

38.8.3 Il-Vici Sindku Christine Dalli tkellmet dwar it-trailers li hemm pparkjati fi Triq iċ-Ċimiterju. Minħabba li ma ttieħdet l-ebda azzjoni s'issa, ppproponiet li nibagħtu lill- ERA. Hija qalet ukoll li hemm bżonn jinqata' l-ħaxix fl-istess triq.

38.8.4 Il-Vici Sindku Christine Dalli ppproponiet li din is-sena terġa' ssir l-attivita' tal-Halloween bħal ma kienet saret sentejn ilu. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

**38.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

38.9.1 Annessi mal-Minuti

**38.10 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

38.10.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 26 ta' Ottubru 2021 fil-5.30pm u se ssir fil-Kunsill Lokali.

Il-Laqgħa ntemmet fit-7.50pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 38**

**Mozzjoni Ref:** 38-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 37

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt** | **Christine Dalli** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 27 ta' Settembru 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 38**

**Mozzjoni Ref: 38-02**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta’ Pagamenti Nru 38(08)

| | |
|---|---|
| **Rose Agius** | **Andreas Gatt** |
| **Proponent** | **Sekondant** |

---

**Data:** 27 ta’ Settembru 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 38**

**Mozzjoni Ref: 38-03**

Biex jiġi approvat ir-Rapport tat-Tieni Kwart tas-sena April – Ġunju 2021

**Rose Agius**
**Proponent**

**Andreas Gatt**
**Sekondant**

**Data:** 27 ta' Settembru 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**